MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1271/2005

**Anthony (I.D. Nru. 603930(M)) u Gloria (I.D. Nru. 414336(M)) konjuġi Farrugia**
**Vs**
**Lilian Mifsud**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fid-9 ta' Ġunju, 2005 fejn l-atturi qed jitolbu sabiex il-konvenuta tkun ikkundannata tħallas is-somma ta' Lm 135 (mija u ħamsa u tletin lira Maltija) bħala kera ta' disa' xhur.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

Qiegħed jintalab li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallas lill-atturi s-somma ta' mija u ħamsa u tletin lira Maltija (Lm 135) dovuti bħala kera ta' disa' xhur għall-perijodu li jmur mit-30 ta' Ottubru, 2004 bir-rata ta' mija u tmenin lira Maltija (Lm 180) fis-sena li hija l-kera indikata fl-isktrittura datata 17 ta' Lulju, 1990 (hawn annessa u mmarkata Dok.

A) miżjuda bl-għoli tal-ħajja pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem u gravanti l-fond 32, Magri Streeet, Ħamrun.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuta li hija minn issa nġunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta Lilian Mifsud fejn ingħad:-

Illi l-pretenzjonijiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi anchorche' li hu l-każ li l-kontendenti kienu partijiet għal skrittura esegwita fis-17 ta' Lulju, 1990, l-premessi fl-istess skrittura huma ġuridikament insostenibbli billi l-konvenuta kienet akkwistat, qua ċessjonarja, l-utili dominju temporanju relattivament għall-fond de quo, qabel il-preżenti lokazzjoni ġiet fis-seħħ b'mod li qatt ma setgħet tiġi in vigore lokazzjoni skond il-provvedimenti ta' l-artikolu 12 ta' l-Ordinanza Dwar id-Dekontroll tad-Djar ta' l-1959 għalkemm il-konvenuta xorta waħda qed tokkupa l-fond in parola b'kera, bil-kera mifthema ta' Lm 120 fis-sena, liema kera ilha ma titħallas mill-1990 u liema kera għalhekk ma tistax tiżdied ai termini ta' l-imsemmija Ordinanza, qabel it-30 ta' Ottubru, 2005 għat-tenur ta' l-artikolu 5 ta' l-istess Ordinanza, tenut kont li skond Dok. A il-kirja kienet għal sena.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawża si tratta l-pagament ta' kera dovuta lill-atturi mill- konvenuta.  Jirriżulta illi kienet saret skrittura privata fis-17 ta' Gunju, 1990 u dana wara illi kien hemm ċens temporanju li għalaq u ġie konvertit għall-wieħed ta' kera. Issa wara ħmistax-il sena l-liġi tagħti dritt illi l-istess kera togħla skond l-għoli tal-ħajja mhux aktar mid-doppju fuq l-aħħar kera viġenti.

Din hija kontestata mill-istess konvenuta u għalkemm ingħatat l-opportunita biex taġixxi ġjudizzjarjament għall-istess dikjarazzjoni din baqgħet m'għamlitux.  Avolja l-

konvenuta kienet kif qed tallega hija stess b' ċessjoni taċ-ċens oriġinali billi kompliet dwar ħaddieħor, hija punto macjis daħlet fiż-żarbun ta’ l-enfitewta temporanju oriġinali u għalhekk assumiet sia d-drittijiet u sia l-obb1igi.

Hija fallagni l-allegazzjoni tagħha li l-liġi tapplika liċ-ċenswalist oriġinali u mhux anki lill-utilisti li jidħlu fiż-żarbun tiegħu kif jingħad vernatikulament.

Jiddeċiedi billi fil-waqt li jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuta, jilqa' t-talbiet attriċi u jikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' mija u ħamsa u tletin lira Maltija (Lm 135) bl-ispejjeż u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------